**12 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Angela mart Antoine Camilleri et.

*versus*

Victor Gera et.

## LIBERAZZJONI MILL-OSSERVANZA TAL-ĠUDIZZJU— KWISTJONIJIET KONNESSI.

*La darba l-konvenuti kienu qegħdin isostnu li bejniethom kien hemm pendenzi oħra, fil-waqt li l-atturi jgħidu, li dik kienet l-unika kwistjoni li fadal bejniethom, il-Qorti għandha timponi żmien lill-konvenuti biex jiddeduċu huma l-pretensjoni tagħhom, u rritenżet din il-kawża tibqa sospiża, u mhux tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi wara li ppremettew li żmien ilu l-imsemmi Walter Gera u l-konvenuti ddepositaw f'isem id-ditta "Alfred Gera and Sons" f'Scicluna's Bank is-somma ta' ħames mit lira (£500) li huma kienu kkontribwew fi kwoti ndaqs bejniethom sabiex l-istess somma tiġi mħallsa lil Hilda mart it-Tabib Edward Navarro wara l-mewt ta' ommha, u peress illi għarraġunijiet li jiġu provati waqt it-trattazzjoni tal-kawża, dik is-somma ma tħallsitx mill-imsemmija Hilda Navarro, u l-konvenuti qegħdin jirrifjutaw li jirrifondu lill-atturi l-kwota lilhom spettanti mill-imsemmi depositu, nonostanti li għal dan il-fini ġew interpellati bl-ittra uffiċjali tas-sittax ta' Marzu, 1951 — talbu illi l-konvenuti jiġu kundannati jħallsuhom is-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin lira (£125) lilhom spettanti d-depositu tal-ħames mitt lira (£500) fuq imsemmija — bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuti li biha eċċepew illi l-partita in kwistjoni m'għandhiex tiġi isolata minn kontijiet oħra bejn il-kontendenti u meta jsiru dawna l-kontijiet jirriżulta mhux biss illi l-atturi m'għandhomx dritt għal ebda rifużjoni imma għall-kuntrarju għandhom jagħtu lill-konvenuti skond l-ittra uffiċjali tas-sitta u għoxrin ta' Marzu 1951 — salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-sbatax ta' Jannar, 1964 li biha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u konsegwentement illiberat lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi wara li kkunsidrat:—

Rat in-nota ta' l-appell li biha l-atturi appellaw minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tiġi

revokata u tiġi milqugħa t-talba tagħhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-risposta ta' l-appellati li qalu illi l-appell ta' l-atturi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Mill-provi jidher illi meta oriġinarjament ġiet depositata s-somma in kwistjoni f'Scicluna's Bank fl-1936, kien hemm ditta waħda, "Alfred Gera and Sons" li fiha kienu interessati in komune it-tliet appellati u ħuhom l-ieħor Walter, missier iż-żewġ attriċi, il-lum mejjet. Is-somma ġiet meħuda mill-profitti ta' dik id-ditta u ġiet depożitata u baqgħet f'isem id-ditta kif jidher mil li 'statment' tal-Bank.

Iktar tard l-imsemmija erba aħwa ikkreaw assoċjazzjoni oħra bl-isem ta' "The Economical British Dispensaries" u inqasmu bejniethom b'mod illi d-ditta "Alfred Gera and Sons" bdiet tiġi ġestita mill-appellat Victor Gera u l-imsemmi ħuh Walter u d-ditta l-oħra "The Economical British Dispensaries" bdiet tiġi ġestita mill-appellati Alexander u Gerald Gera. Iżda, għad illi hekk inqasmu bejniethom, il-profitti taż-żewġ ditti kienu jiġu "pooled" u jinqasmu egwalment bejn l-erba aħwa, salvi xi ħlasijiet li kienu jsiru lil xi interessati oħra tal-familja.

Il-partijiet jaqblu illi l-iskop tad-depożitu ta' ħames mitt lira (£500) hawn fuq imsemmi kien li s-somma titħallas lil Hilda Navarro b'soddisfazzjoni ta' xi kwota tagħha wara l-mewt ta' ommhom. Pero ġara illi Hilda Navarro ġiet mħallsa b'xi mod ieħor. Eppure dik is-somma baqgħet in depożitu fil-Bank, f'isem "Alfred Gera and Sons" għalkemm l-iskop oriġinali tad-depożitu kien spiċċa.

Wara l-mewt ta' Walter Gera, li ġrat fis-sitta (6) ta' Lulju, 1947, billi minn kif jidher, Victor Gera ma xtaqx jibqa assoċjat fil-ġestjoni tad-ditta "Afred Gera and Sons" ma l-eredi tiegħu (ċioe ma' l-appellanti) iżda ried illi jkollu assoċjat miegħu lill-appellat Alexander Gera, u l-partijiet anqas riedu illi ż-żewġ ditti jibqgħu in proprjeta komuni bejnhom ilkoll, ġie inkarigat l-Accountant Paul Busuttil biex jirrapportalhom "on the financial position of the said concerns as in July, 1947 and their earning capacity since 1941." L-iskop ta' dan l-inkarigu, kif interpretah Busuttil, kien illi l-partijiet ikunu f'pożizzjoni "to compare the possibilities enjoyed by the firm "Alfred Gera and Sons" for realizing profit with those enjoyed by the firm "The Economical British Dispensaries".

Fir-rapport tiegħu, datat sbatax ta' Mejju, 1948, Paul Busuttil għamel deskrizzjoni tal-"financial position" ta' kull waħda miż-żewġ ditti kif kienet fis-sitta ta' Lulju, 1947. F'li 'statement of affairs' tad-ditta "Alfred Gera and Sons" hu semma, fost l-assets, "Cash at Scicluna's Bank . . . £500", li, ma jidherx li hemm kwistjoni hija s-somma, oġġett tat-talba f'din il-kawża.

Paul Busuttil irrileva illi, minħabba ċerti defiċjenzi fir-records u ċirkostanzi oħra li hu semma, "the statement of affairs shown hereunder should not be considered as, affording an equitable basis for liquidation purposes, but (is) merely designed to give the interested parties in the absence of proper accounting records, an idea of the financial structure of the two concerns".

Ftit wara dan ir-rapport, u ċioe fit-tmienja ta' Lulju 1948, il-partijiet flimkien ma Stella Gera, oħt l-appellati, u

Gemma Gera, omm l-appellanti, għamlu l-ftehim inkorporat fl-iskrittura fol. 122. B'dan il-ftehim l-appellat Alexander Gera bidel ma l-appellanti s-sehem tiegħu "of the business concern "The Economical British Dispensaries' including goodwill, stock, cash, sundry creditors and sundry debtors and all other chattels or things whatsoever belonging to the said concern, against the share of the firm "Alfred Gera and Sons" including goodwill, stock, cash, sundry creditors and sundry debtors and all other chattels and things belonging to the said firm owned by. . . . Walter Gera."

Il-valur ta' l-ishma, għall-fintjiet ta' din il-bidla, kellu jiġi determinat finalment minn Paul Busuttil. Sa kemm issir din l-istima, kellu jibqa jseħħ il-"modus vivendi" adottat sa dak iż-żmien "as to the management, wages, remuneration and withdrawals:" iżda l-"pooling" tal-profitti bejn iż-żewġ ditti kellu jitqies li spiċċa mill-ewwel (1) ta' Mejju, 1948 u minn dak inhar il-quddiem il-profitti tal-British Economical Dispensary "kellhom imorru għaf-favur tal-membri ta' dik l-azjenda ċioe l-appellat Gerald Gera, Stella Gera u ż-żewġ appellanti (soġġett għad-drittijiet ta' Gemma Gera) u l-profitti tad-ditta "Alfred Gera and Sons" kellhom imorru għav-vantaġġ ta' l-appellati Victor u Alexander Gera.

Paul Busuttil għamel it-tieni rapport tiegħu fil-ħmistax ta' Diċembru, 1948 u bih hu stama il-valur tal-ishma li ġew mibdula bejn Alexander Gera u l-appellanti kif issemma hawn fuq. Fih hu raġa għamel "Review of the values of the assets and liabilities comprising the statement of affairs" ta' kull waħda miż-żewġ ditti "as on thirty-first May, 1948" (ċioe d-data li fiha, skond il-ftehim fuq imsemmi il-'pooling' tal-profitti kien spiċċa). Fost l-assets tad-ditta "Alfred Gera and Sons" ma reġgħatx issemmiet, kif kienet

issemmiet fl-ewwel rapport ta' Busuttil, is-somma ta' ħames mitt lira (£500) in kwistjoni. Rigward id-ditta "The Economical British Dispensaries" issemma 'claim' li kien al-lura għadu pendenti mal War Damage Commission għal elf u disa u sebgħin lira (£1079) "in connection with cost of repairs and replacement of business equipment." Busuttil qal illi "if on settlement of this claim the War Damage Commission fails to pay the whole amount, the balance is to be made good by the party concerned in so far as it affects this award".

Huwa konvenjenti li jingħad minnufih hawnhekk illi din il-"claim" fil-fatt ġiet akkordata kollha mill-War Damage Commission. Anzi mid-dokument fol. 154 jidher illi fis-seba ta' Lulju, 1949 il-Kummissjoni awtorizzat il-ħlas ta' elf disgħa u tmenin lira, tlett xelini u żewġ soldi (£1089.3.2.). Jidher ukoll illi din is-somma ġiet kollha perċepita minn dawk li, skond il-ftehim fuq imsemmi, saru l-proprjetarji ta' l-azjenda "The Economical British Dispensaries" u għal-hekk jidher illi r-riżerva magħmula minn Busuttil, rigward din il-claim, ma sarx fil-fatt, lok għaliha. Dan qed jiġi ri-levat sempliċement biex tiġi evitata kull konfusjoni bejn dan il-ħlas magħmul mill-War Damage Commission li dwa-ru l-appellati ma għandhom kif qal Victor Gera ebda pre-tensjoni, u ċerti ħlasijiet oħra, ukoll magħmula minn dik il-Kummissjoni għal 'stock-in-trade' li ser jissemmew aktar il-quddiem.

Skond l-'award' ta' Busuttil, il-valur tas-sehem ta' Alexander Gera fl-"The Economical British Dispensaries" li bidel mas-sehem ta' l-appellanti f' "Alfred Gera and Sons" kien jiswa aktar elfejn, mitejn u sitta u sebgħin lira u dsatax-il-xelin (£2276.19.0) li l-appellanti kellhom iħallsu lilu.

Issa x'ġara eżattament bejn il-partijiet wara dan it-tieni rapport ta' Busuttil ma jirriżultax ċar mill-provi. Jidher, pero, illi b'arranġament bonarju bejn dawk interessati, flok l-ekwiparazzjoni fuq imsemmija ta' elfejn, mitejn u sitta u sebgħin lira u dsatax il-xelin (2276.19.0) ġiet aċċettata somma ta' ħames mitt lira (£500) u, mill-bqija l-partijiet baqgħu fuq dak li għamel Busuttil.

Wieħed sata jaħseb illi b'dan il-mod ġew sistemati l-pendenzi kollha li kien hemm bejn iż-żewġ ditti. Konsiderando t-termini komprensivi tal-ftehim tat-tminja ta' Lulju, 1948 ġa fuq ċitati fis-sens illi l-bidla kollha tikkomprendi l-"goodwill, stock, cash, sundry creditors, sundry debtors and all other chattels and things whatsoever" wieħed sata jaħseb illi fil-kuntemplazzjoni tal-partijiet dak kollu li, dak iż-żmien, kien jeżisti f'isem ditta waħda kellu jibqa favur dawk li saru sidin esklusivi tagħha, mentri dak kollu li kien jeżisti f'isem id-ditta l-oħra kellu jibqa favur dawk li saru sidien tagħha.

Paul Busuttil, imsejjaħ biex jixhed, qal fl-ewwel xhieda tiegħu, illi t-tieni rapport tiegħu kellu jservi bħala likwidazzjoni finali u kompleta tal-pendenzi kollha bejn iż-żewġ ditti. Hu qal illi, sa fejn kien jaf hu, il-likwidazzjoni ikkomprendiet kollox, "u meta ngħid kollox nifhem kollox, jiġifieri ma tħalla xejn".

Kieku dan kien il-każ, ma kien ikun hemm lok għall-ebda pretensjoni la da parti l-waħda u l-anqas da parti l-oħra f'din il-kawża. Il-ħames mitt lira (£500) in kwistjoni li kienu jinsabu depożitati, kif intqal, f'isem id-ditta "Alfred Gera and Sons", kienu jibqgħu favur l-appellati. Victor u Alexander Gera fl-imkien ma' l-ammonti l-oħra ta' 'claims' li kienu dak iż-żmien pendenti f'isem dik id-ditta u ġew in-

kassati wara, fil-waqt li kien jibqgħa favur l-appellanti u sħabhom fl-"Economical British Dispensaries" dak kollu li jidħol f'isem din id-ditta.

Din setgħet forsi tkun soluzzjoni prattika u forsi jidher illi, sa kemm ma inqalgħetx il-kwistjoni preżenti, dik kienet l-attitudini impliċita tal-partijiet, fis-sens illi s-sidien ta' "Alfred Gera and Sons" iżommu għalihom u bejniethom dak li kien jew daħal f'isem dik id-ditta u s-sidien ta' l-"The Economical British Dispensaries" (jew għal-inqas l-appellanti u Gerald Gera) jaqsmu bejniethom dak li daħal f'isem dik id-ditta.

Iżda l-appellanti, b'din il-kawża, qed jippretendu illi l-likwidazzjoni bejn iż-żewġ ditti ma kienetx tkopri l-imsemmija somma ta' ħames mitt lira (£500). Fuq dan il-punt Paul Busuttil fl-ewwel xhieda tiegħu, qal hekk: "Il-ħames mitt lira (£500) li kienu depożitati fix-Scicluna's Bank ma daħlux fil-likwidazzjoni li jiena għamilt — hekk almenu jidhirli. X'kienet ir-raġuni li ma daħlux ma niftakarx, imma jidhirli li ma kellhomx x'jaqsmu mal-likwidazzjoni". Meta xehed it-tieni darba Busuttil qal: "Jiena eżaminajt il-proċess u llum jiena in grado li ngħid illi l-flus li jiffurmaw il-meritu ta' din il-kawża ma jidħlux fil-likwidazzjoni li jiena għamilt. Jiena ġejt nkarigat biex nagħmel il-likwidazzjoni. F'dan is-sens: kien hemm żewġ ditti u jiena llikwidajt il-valur ta' kull sehem, ta' kull ditta, biex ikunu jistgħu jagħmlu dawk li skambji li l-partijiet riedu jagħmlu. Nirrepeti illi l-ħames mitt lira (£500) li jiffurmaw l-oġġett ta' din il-kawża, il-partijiet ħallewhom barra, ma daħħluhom xejn fil-likwidazzjoni l-għaliex kif naħseb jien ttrattawhom bħala ħaġa privata bejniethom, la f'ditta u lanqas fl-oħra", u issokta jgħid: "Is-somma in kwistjoni ta' ħames mitt lira (£500), ma daħletx fil-kwistjoni. Ma

naf xejn fuqha. Ma daħlet xejn. Nirrepeti illi l-partijiet ma daħħluha f'xejn. Dan jidher anki mil li 'statement' tiegħi għax d'n lanqas hija msemmija."

Imma verament anqas it-teżi ta' l-appellant m'hi jew qatt kienet illi dik is-somma kienet kompriża fil-likwidazzjoni. It-teżi tagħhom tirrikonoxxi illi dik is-somma għadha pendenti bejnhom u bejn l-appellanti, biss isostni illi dik m'hijiex l-unika pendenza bejniethom, iżda hemm ukoll partiti oħra li għandhom jiġu konteġġjati magħha. Meta jsir dan il-konteġġ l-appellanti mhux talli ma jkollhomx jieħdu minn għandhom iżda talli jkollhom jatuhom.

Dawn il-partiti l-oħra huma dawk riportati fil-'statement' ta' l-appellati, ċioe

1. Ammont ta' tlett mija u disgħin lira (£390) li tħallsu lill-armla ta' Walter Gera minn Lulju 1947 sa Ġunju 1948.

2. Ammont ta' seba mija għaxar liri, xelin u ħames soldi (£710.1.5) u ammont ta' mija seba u erbgħin lira u dsatax-il-xelin (£147.19.0) imħallsin mill-War Damage Commission rispettivament lill-"Economical British Dispensaries" u "Alfred Gera and Sons" bħala kumpens għal 'stock-in-trade'.

3. Ammont ta' tminja u għoxrin lira u tlettax-il-xelin (£28.13.0) u ammont ta' mittejn ħamsa u tmenin lira, sitt xelini u disa soldi (£285.6.9) imħallsa mill-Pharmaceutical Imports Association, rispettivament lill-istess żewġ ditti.

Rigward l-ammont Nru. 1 l-appellati jissottomettu illi l-flus tħallsu lill-arma ta' Walter Gera mill-profitti taż-

żewġ ditti flok is-salarju li qabel kien jieħu żewġha biex ikollha biex tgħix sa kemm jillikwidaw il-pendenzi u bil-ħsieb li jiġu konteġġjati. L-appellanti, għall-kuntrarju jippretendu li huma ma għandhomx x'jaqsmu ma dan l-ammont, sija għaliex il-flus tħallsu lill-ommhom li m'hix parti fil-kawża sija għaliex il-flus tħallsu mingħajr intenzjoni li jiġu rifużi.

Rigward il-partiti l-oħra l-appellati jsostnu illi għalkemm tnejn minnhom ġew inkassati mill-appellanti u Gerald Gera f'isem "The Economical British Dispensaries" u tnejn ġew inkassati mill-appellati Victor u Alexander Gera f'isem "Alfred Gera and Sons" l-erba partiti jirriferixxu għal żmien meta l-profitti taż-żewġ ditti kienu għadhom jiġu "pooled": Huma ma daħlux fil-likwidazzjoni bejn iż-żewġ ditti u għalhekk jappartjenu lill-appellanti u lill-appellati kwarti kull wieħed. Xinhi eżattament it-teżi ta' l-appellanti dwar dawn il-partiti ma donnux li jidher kjarament mill-proċess. Dottor Camilleri, meta xehed, donnu ippretenda — mhux ċar fuq liema bażi — illi fil-waqt li l-appellanti għandhom dritt iżommu dak li ħadu, bla ma jikkonteġġjaw xejn ma l-appellati, b'dana kollu l-appellati għandhom jikkonteġġjaw magħhom u jatuhom sehem minn dak li daħħlu huma: hu qal li dawk il-partiti "ma ġew bl-ebda mod kalkolati fl-award ta' Busuttil." Fil-petizzjoni ta' l-appell, pero, in bażi għax-xhieda ta' Gerald Gera, l-appellanti donnhom jissuġġerixxu illi, rigward dawn il-partiti kull ditta kellha tibqa b'dak li ħadet.

Il-Qorti ġa rrilevat li forsi jista jkun illi kieku l-appellanti ma avanzawx il-pretensjoni tagħhom, l-appellati, minn naħa tagħhom, kfi qal Gerald Gera "ma kienux ifittxu". Issa, pero, li , fil-fatt, il-pretensjonijiet saru, l-ewwel minnaħa u mbagħad, bħala risposta, mill-oħra jinħtieġ li jiġu eżaminati.

F'dan l-istadju u f'din il-kawża il-Qorti mhix imsejħa biex tippronunzja ruħha dwar il-meritu tal-pretensjonijiet ta' l-appellati. Għall issa l-unika kwistjoni hi jekk il-Qorti tistax tiddeċiedi fuq il-meritu tal-pretensjoni ta' l-appellanti.

Is-sottomissjoni ta' l-appellati hi illi l-Qorti ma tistax. Peress illi, kif jgħidu huma, il-pretensjoni ta' l-appellanti tirrigwarda fis-sostanza tagħha qasma ta' partita waħda ta' profitti tan-negozju li kien komuni, huma ma setgħux hekk jipproċedu imma messhom talbu l-likwidazzjoni tal-pendenzi kollha li għadhom jeżistu bejn il-partijiet.

L-ewwel Onorabbli Qorti akkoljiet din l-eċċezzjoni ta' l-appellati bħala eċċezzjoni ta' l-irritwalita taċ-ċitazzjoni u, konsegwentement, illiberat lill-appellati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Din il-Qorti, wara li ħasbet sewwa, ma jidhriliex bir-rispett kollu, illi dak il-provvediment jinkontra ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

Kif ġa ġie rilevat aktar il-fuq, is-sistema ta' difiża adoperat mill-appellati jirrikonoxxi illi, fis-somma ta' ħames mitt lira (£500) in kwistjoni l-appellanti għandhom interess u jmisshom sehem minnha. L-appellati jippretendu biss illi, oltre dik il-partita, hemm tlieta jew erba partiti oħra, *identifikati fix-xorta u fl-ammont tagħhom, li* wkoll għandhom jiġu konteġġjati. L-appellati ma jippretendux illi l-partita li minnha l-appellanti qed jitolbu sehem tid-dependi minn likwidazzjon ġenerali tad-ditti li qabel kienu in komune. Din il-likwidazzjoni ġenerali tidher li saret: biss l-appellati jgħidu illi baqa, bħala straxxiku tagħha, il-pendenzi speċifiċi, u dawk biss, li huma jsemmu. Dawn il-pen-

denzi, kif ġa ntqal, huma magħrufa għalihom fid-dettalji kollha tagħhom.

L-appellanti, sostanzjalment, jinnegaw illi, ħlief il-partita msemmja fiċ-ċitazzjoni, hemm partiti oħra mhux ġa likwidati bejn il-partijiet, jew, fi kwalunkwe każ, illi dik il-partita għandha x'taqsam ma partiti oħra li għadhom veljanti.

Id-deċiżżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti timporta espressjoni ta' opinjoni fuq il-meritu ta' dawn il-pretensjonijiet konfliġġenti; almenu sal-punt illi l-ewwel Qorti irriteniet illi "verament hemm pendenzi oħra bejn il-partijiet li għadhom m'humiex likwidati u li ma ġewx imsemmija fir-rapport ta l-Accountant Busuttil, dawk ċioe li jirriferixxu għall-pagament tal-War Damage Commission għal stock-in-trade . . . kif wkoll hemm flus oħra tal-Pools li għadhom mhux maqsuma." Fil-fehma ta' din il-Qorti dan imur oltre dak li jinħtieġu ċ-ċirkustanzi tal-każ fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellati. Biex l-appellanti juniformaw ruħhom mas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, kieku kollha tibqa sseħħ, ikollhom ta' bil-fors jippregudikaw ruħhom, fil-meritu. Inveċe l-Qorti taħseb illi l-meritu ta' l-pretensjonijiet rispettivi, li ma jistgħux evidentement jiġu kollha eżaminati u deċiżi f'din il-kawża, għandu jibqa impreġudikat għaż-żewġ naħħiet sa kemm dwar il-pretensjonijiet ta' l-appellati jittieħdu l-proċeduri approprjati. U l-uniku mod li bih dan jista jsir hu fil-fehma tal-Qorti dak suġġerit in subordine mill-appellanti fl-aħħar tal-petizzjoni ta' l-appell ċioe illi jiġi prefiss żmien lill-appellati biex jiddeduċu huma in ġudizzju l-pretensjonijiet tagħhom u intant din il-kawża tibqa sospiża.

Fil-waqt illi hu indubbjament ġust illi t-talba ta' l-

appellanti f'din il-kawza ma tipproċedix sa kemm ma jiġux verifikati il-kontro-pretensjonijiet ta' l-appellati li, jekk fondati, jipperimu l-meritu tagħha, minn naħa l-oħra ma jidhrux illi għandhom jiġu kostretti li jagħmlu l-appellanti, kontra l-pretensjonijiet tagħhom fil-meritu, dak li jistgħu mingħajr ebda pregudizzju ta't-teżi tagħhom f'din il-kawża jagħmlu l-appellati. Fir-risposta tagħhom għall-petizzjoni l-appellati jistqarru li huma wkoll jistgħu jitolbu l-likwidazzjoni tal-pendenzi li huma jippretendu.

Għall dawn il-motivi din il-Qorti tipprovdi għall-issa fuq l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-irritwalita tal-proċeduri sollevata mill-appellati u illiberathom mill-osservanza tal-ġudizzju u minflok tagħti lill-appellati ż-żmien ta' xahrejn biex jiddeduċu jekk jidhrilhom, il-pretensjonijiet tagħhom bil-mod li jidhrilhom opportun, f'kawża separata, u tissoprassiedi f'dan l-appell sa kemm jgħaddi dak iż-żmien inutilment jew, jekk l-appellati jkunu ddeduċew, sa kemm tispiċċa dik il-kawza.

L-ispejjeż anki ta' prim' istanza jibqgħu riżervati.